MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru. 361/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Emanuel Tonna ta' 34 sena, iben John Mary u Consiglia nee Fenech, imwieled Pieta' nhar is-07.02.67 u residenti 'Gesu Redentur', Triq E. B. Vella, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 111267 (M).**

**Illum 24 ta' Jannar, 2003.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emanuel Tonna li gie akkuzat illi b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, talli fl-14.08.99 u fis-snin ta' qabel, anke wara nzul ix-xemx, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew il-konsum seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, bhala detentur tal-fond "Gesu Redentur" Triq E. B. Vella, Mosta jew bhala l-persuna li f'ismu hemm irregistrat il-meter tad-dawl, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku mill-imsemmi fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont;

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ghamel hsara fil-gumni jew fil-makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku, jew ghamel hsara jew kisser parti mill-meter jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta' l-elettriku, liema hsara tammonta ghal sitt liri Maltin (Lm 6) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta' l-Artiklu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta car mill-atti (ara dokumenti esebiti minn Silvio Decelis) li hemm diskrepanza bejn il-perjodu ta' snin 1994 sa 1996, minn 1996 sa 1998 u 1998 u snin 1999 sas-sena 2000, dan fil-konfront tal-konsum.  Jidher car fil-fatt li fil-perjodu 1/97 sa 14/8/1999 kien hemm nuqqas serju fil-

konsum tant li l-espert William Cassar Torreggiani wasal biex ikkonkluda "… l-ammonti ta' konsum kienu mizeri tant li anqas kien registrat konsum tal-fridge wahdu." Dan meta jidher mid-dokument SD li l-installed load kien ta' 18 lamps, 1 washing machine, 4 lamps, 1 TV, 2 f/tube, 1 fridge, 1 freezer, 1 micorowave, 1 w/heater."

Illi huwa veru dak li qajmet id-Difiza u dan huwa punt kardinali tal-ligi kriminali li l-Prosekuzzjoni trid tasal sal-grad ta' nuqqas ta' dubju ragonevoli. Min-naha l-ohra dan ir-reat taht l-artiklu 264(2) tal-Kap 9, iqieghed fuq l-akkuzat l-onus tal-prova sal-grad tal-probabbli.

Illi l-akkuzat innega a tempo vergina li hu qatt ma baghbas il-meter, dan irribattih meta xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta. L-istess innegat martu. Tibqa' ghalhekk li jigi ezaminat jekk l-akkuzat b'din in-negazzjoni ppruvat sal-punt tal-probabbli u tal-Prosekuzzjoni hallietx xi dubju dettat mir-raguni.

Id-Difiza ghajr ghall-akkuzat u martu tellghet ukoll, lil Silvio Decelis li frankament hija l-opinjoni tal-Qorti li ma ghenx lid-Difiza. Fil-fatt Silvio Decelsi meta rega' xehed gab prova li darba li ndibel il-meter allegatament imbaghbas, il-konsum rega' ghola. Ta' dan id-Difiza tellghet it-tezi li wara l-bidla tal-meter l-akkuzat zied il-load tal-konsum, per ezempju zied air conditioner. Naqas pero' l-akkuzat jispjega ghaliex qabel l-allegat tbaghbis kien aktar gholi minn dak ikkunsmat fil-perjodu debibat fl-akkuza.

Illi minn dak kollu migjub quddiem il-Qorti qeghda ghaldaqstant issib lil Emanuel Tonna hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-art 261, 263, 267, 270, 278, 279. Rat il-fedina penali.

Rat l-art 9 tal-Kap 152, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-llum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------